## PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

## AVVIŻI   13 TA' MEJJU 2018

## Eurovision Night Buffet Dinner

Ilum is-Sibt 12 ta' Mejju 2018 mit-8:30pm 'il quddiem ser issir ikla buffet fis-Sala Sant'Anna.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 12 ta' Mejju 2018 fil-Knisja Arċipretali tal-Gudja fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm**

Għada l-Ħadd 13 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tad-9:15am ser niċċelebraw Jum l-Omm. Qed nistiednu lit-tfal iġibu magħhom fjura biex inpoġġuha f'riġlejn ix-xbieha ta' Marija. F'din il-quddiesa jsir ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna mit-tfal u nistiednu wkoll lil kull min irid biex iġib bukkett fjuri lill-Madonna.

**Novena tal-Ispirtu s-Santu**

Ninsabu fin-novena tal-Ispirtu s-Santu, wara l-quddiesa tas-7:00am u l-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:30am ikollna mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

It-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 il-Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm li fiha ser iġeddu l-konsagrazzjoni tal-grupp lill-Qalb ta' Marija.

**Grupp Kelma tal-Ħajja**

It-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 fis-7.00pm ser jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**

Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2018 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:15pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Kandidati għall-Griżma tal-Isqof u Festa ta' Pentekoste**

Il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tad-9.15am mistiedna l-adolexxenti flimkien mal-familji tagħhom li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof fl-20 u fil-21 ta' Ottubru 2018.

**Afternoon Tea fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda Afternoon Tea.

**Grupp tar-Romol**

Il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 ser jibda jiltaqa' l-Grupp tar-Romol fil-Knisja Parrokkjali għall-quddiesa tas-6.00pm u wara laqgħa flimkien. Inħeġġu lir-romol sabiex jattendu.

**Festa ta' Santa Rita ta' Cascia**

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tas-6:30pm niċċelebraw il-festa ta' Santa Rita ta' Cascia.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Bazaar ta' pjanti**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' Bazaar tal-pjanti. Inħeġġigkom sabiex tagħtu titwila.

**Ħolqa Bejnietna - Ktieb tal-Festa 2018**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.

**Rendikont Finanzjarju għas-Sena 2017**

Man-noticeboard fejn il-bieb il-kbir tal-knisja parrokkjali issibu r-rendikont finanzjarju għas-sena 2017. Grazzi ħafna.